## L-ERBGĦA U GĦOXRIN ANNIVERSARJU

Għaddiet sena oħra u proprju l-Ħadd l-2 ta' Mejju 2010 fakkarna l-erbgħa u għoxrin anniversarju mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Wara l-kant ta' "Lil Marija Reġina", il-folla mxiet minn ħdejn it-Troll fit-tarf tat-triq il-qadima filwaqt li ġie rreċitat ir-rużarju.

Mal-wasla tad-devoti quddiem l-istatwa tal-Madonna tkanta l-Innu lill-Madonna, nqrat it-talba tal-Konsagrazzjoni, saret il-viżita' lill-Madonna u ċ-ċerimonja tal-qanpiena li biha nagħmlu riparazzjoni għad-dagħa. Imbagħad għal ftit minuti reġa' dewa ma' l-inħawi leħen il-maħbuba Ġuża tagħna.

## MESSAĠĠ B'LEĦEN ĠUŻA MIFSUD

"… jiena ma rrid nagħmel xejn u ma jkun xejn ħlief dak li jrid minni Alla u li trid ir-rieda tal-Madonna u għalhekk permezz ta' din l-omm tagħna ħanina l-Madonna li tant qed twissina b'affarijiet sbieħ u qaddisa u sempliċi, qegħda tagħtina id-direzzjoni ta' kollox biex fuq kollox Malta tkun mod ta' salvazzjoni għad-dinja kollha.

Issa ħa nkompli xi ftit milli qaltli rigward din l-ewwel ġurnata minn ta' Mejju… "Binti, jiena għall-imħabba tal-Mulej ħa nroddlok ħajr għal dawk it-tbatijiet enormi li ilek tbati minn żmien il-ħamsinijiet u inti b'reqqa kbira mort issolvi dawn l-ispirazzjonijiet illi jiena mort inniżżillek mill-Belt imqaddsa ta' Alla matul iż-żmien kemm fid-dar fqira tiegħek fejn rajtni l-ewwel darba, il-kumplament li rajtni f'dan il-wied tal-Girgenti fejn jiena għidtlek tagħmel din ix-xbieha flimkien mal-knisja illi jiena jekk Alla jrid, li jekk Alla jrid għidtlek biex issir u dina ħa ssir għax dak li Alla jrid ma jista' jħassru ħadd u ħadd akkost ta' kollox, imma kliem Alla jrid jgħaddi u ta' ħadd ieħor ħlief tiegħu. U inti taf illi meta inti tellajtni u kellek dawk il-problemi kollha u akkost ta' dawk il-problemi kollha illi inti lanqas tajtek ċans illi tkun taf bihom biex inti ma titħawwadx, biex inti ma tinkwetax, imma tellajtni b'ħafna kuraġġ u qalb għaliex f'dawk il-ħinijiet stess kienu għaddejjin ħafna affarijiet kontrik imma dan ħadd ma setgħa jagħmillek xejn għax fin-nofs kien hemm jiena u jiena għidtlek, 'Binti tinkwieta xejn għax akkost ta' kollox dak li ppredestina Alla u qegħda nwassalulek jiena, dan kollu ħa jsir u ħadd ma jista' jagħmel xejn kontrih.'

U jiena għidtlek, 'Jekk inti ma tellax dik l-istatwa tiegħi fil-ġurnata ippredestinata illi jiena għidtlek, wara nofsillejl kellu jinqala ħafna inkwiet u trouble, u t-trouble



ma kienx ħa jkun żgħir imma kien ħa jkun kbir ħafna għaliex nofs id-dinja kważi kollha kienet ħa tħossu, imma inti sfurżajt u stinkajt, għamilt minn kollox u dina l-istatwa tiegħi illi jiena ridt, illi inti tellajt b'tant qalb, li għalik il-Madonna hija l-ewwel u qabel kollox, u dana huwa ġej mid-destinazzjoni ta' Alla illi jiena wassaltlek dan il-messaġġ tant hu hekk kbir, tant hu delikat, ma jimpurtax għax hawn xi ftit fuq is-swaba illi jingħaddu li huma kontrik għaliex dawna ma huma ħa jkunu imgħoddija xejn quddiem Alla għax dak li jrid Alla ma jista' jwarrbu ħadd bħalma qegħda ngħidlek u inti ftit wara imradt.

U meta imradt fil-pożizzjoni tiegħek illi inti tant ridt kwiet, tant ridt toqgħod waħdek, ma ridt lil ħadd u meta wara xi xahar u nofs illi kont marida… il-ġurnata kienet ġurnata minn tax-xahar minn ta' Lulju, kellna 15 mix-xahar ta' Lulju u l ħabta ta' xi n-nofs siegħa meta kont qegħda f'dik is-solitudini tiegħek u f'dik is-swied ta' qalb u titlobni, 'Madonna għax ġrali hekk? u għax ġrali hekk u saħħti spiċċat u issa ma qegħda nittenna xejn ħlief illi l-Mulej jibgħat il-mewt għalija, u inti il-ħabta ta' xi n-nofs siegħa li meta bdejt tgħid, 'Jiena waħdi, ma hawn ħadd, ma jaf bija ħadd''' qaltli, "U f'dik l-għodwa tant hi sabiħa minn tal-15 ta' Lulju tas-sena 1986, ġejt jiena fejnek u d-dmugħ ixxuttajtulek jiena.

U meta inti għidtli, 'Madonna, hawn kif dħalt inti u ġejt u qed narak l-istess figura illi jiena tellajt il-Girgenti?''' … "Binti, għalija xejn ma hu mpossibbli, inti qed tarani eżatt dik l-istatwa li inti tellajt il-Girgenti biex nurik kemm jiena kuntenta u kemm jiena ferħana għal dak l-att qawwi ta' fidi li wrejt f'artek u fid-dinja kollha, għax dan l-att ta' fidi mhux il-pajjiż ta' artek biss jaf bih imma d-dinja kollha u dan l-att ta' fidi illi tant qegħdin turuh mat-toroq tal-kalvarju tal-Girgenti, ma din it-tbatija li għaddiet fix-Xitwa dawk in-nies ta' rieda qawwija, tal-bronż u tal-ħadid illi taw b'rieda tajba ta' fidi, il-Mulej u jiena xħetna barka ta' grazzji fuq Malta u fuq dawk in-nies li kienu jkunu preżenti fejn inti poġġejtni fl-inħawi tal-Girgenti…"

## MESSAĠĠ MILL-ISQOF FRANCESCO MICALLEF

Għal sena oħra l-laqgħa kienet preseduta minn Mons. Isqof Francesco Adeodato Micallef li għamel dan id-diskors ta' l-okkażżjoni:

Kull darba ħuti fi Kristu li aħna b'xi mod jew ieħor nuru il-gratitudini tagħna lejn Alla l-imbierek ghal dak li għamel magħna fl-istorja ta' l-umanità, naslu biex insibu l-qofol ta' dak kollu li għamel għalina l-bnedmin, għall-umanita kollha, meta huwa



bat lill-istess iben, is-Sinjur tagħna Ġesù Kristu biex kull min jemmen fih, kif jgħidilna San Ġwann, ma jintilifx imma jkollu l-ħajja ta' dejjem.

Issa kif nafu, illi dana Ġesù l-Iben t'Alla maghmul bniedem ma' setax jiġi fid-dinja jekk mhux skond il-pjan naturalment ta' Alla l-Missier, permess ta' Verġni, permezz ta' xebba, u din il-verġni hija l-Verġni Marija, il-Verġni ta' Nazaret, illi hija ħadet u tkompli tieħu sehem kbir f'dik li hi l-opra tal-fidwa, l-opra tas-salvazzjoni, tal-ħelsien jigifieri ta' l-umanità. U dana urietu mhux biss meta ġiet magħżula u ħabbrila l-anġlu Gabrijel li kellha tkun omm il-Messija, imma urietu wkoll f'dawk is-snin li hija fid-dar ċkejkna ta' Nazaret, flimkien ma' l-għarus tagħha San Ġużepp, ħadet ħsieb u kura ta' Binha is-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu, sakemm dana wasal anki biex jagħti l-aħħar qatra ta' demmu fuq il-Golgota għall-fidwa tagħna l-bnedmin.

### Fl-Istorja tal-Knisja l-Madonna dejjem interċediet

Hemmhekk ma waqfitx il-Madonna, imma fl-istorja tal-Knisja, f'dawn l-aħħar, akar minn elfejn sena ilu, dejjem interċediet, dejjem indaħlet sabiex hija min-naħa tagħha bħala Omm ħanina mhux biss ta' Binha Ġesù imma bħala omm ta' kull wieħed u waħda minna, il-mifdija minn Binha Ġesù, turina t-triq li forsi xi drabi, l-umanita in ġenerali tkun abbandunat u biex treġġa l-umanità lejn Alla l-imbierek permezz ta' Binha.

U dawk id-dheriet kollha tal-Madonna f'ħafna partijiet tad-dinja, mhux inqas hawnhekk hawn Malta u f'dana l-post kif għadna kemm smajna, fejn hija inqdiet b'xebba umli, Ġuza Mifsud, sabiex hija terġa turina, twissina, tfakkarna illi m'għandniex għalfejn naqtgħu qalbna anka jekk kemm-il darba aħna b'xi mod jew b'ieħor aħna nkunu offendejna lil Binha Ġesù, offendejna lil Alla.

U għalhekk inlibbsuha diversi lbiesi lill-Madonna bit-titoli li aħna nagħtuha jew bit-titoli li għażlet ghaliha nfisha. Jekk nieħdu per eżempju l-litanija tar-rużarju, dawk huma kollha attributi li l-Knisja matul l-istorja tagħha tat lill-Madonna u kull invokazzjoni tal-Madonna, kemm dawk li huma invokazzjonijiet tal-litanija, kemm anka invokazzjonijiet li huma marbutin mal-postijiet fejn hija dheret, huma preċizament mumenti ta' grazzja jew aħjar hemm marbuta ma' dawn l-invokazzjonijiet tal-Madonna, hemm storja ta' salvazzjoni, jiġfieri hemm ġrajja li l-Madonna b'xi mod jew ieħor ħadet sehem, interveniet anka fl-istorja ta' l-umanita' b'xi mod jew ieħor ħalli hija tfakkar lill-bnedmin kollha illi hemm bżonn, jekk



hemm bżonn u meta kien hemm bżonn, li l-bnedmin jerġgħu iduru lejn Alla.
U kemm-il darba b'dawna d-dheriet tagħha talbet talb, penitenza u talb għal dawk li huma midinbin, jiġifieri dawk li jkunu tbegħdu minn Alla l-imbierek, talbet ukoll biex nitolbu għall-qdusija tagħna s-saċerdoti. Kull darba hija tagħtina t-tama illi hija qegħda hemmhekk sabiex iżżomm id-driegħ ta' Binha Ġesù u tbiegħed anki minn fuq id-dinja il-kastigi li jkun qiegħed jistħoqqilha.

### Il-Madonna ikkonsagrat lilha nfisha

Illejla iltqajna hawnhekk kif intom tafu u kif smajtu wkoll illejla biex infakkru dak illi ġara erbgħa u għoxrin sena ilu meta mnebbħa anka mill-istess Madonna, Ġuża Mifsud ġabet hawnhekk ix-xbieha tagħha f'dina l-istatwa. Hija libsa oħra li l-Madonna għażlet biex tkun tiġi invokata, imsejħa, sabiex tinterċedi għalina – il-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Il-Madonna tal-Konsagrazzjoni, il-Madonna ikkonsagrat lilha nfisha, ingħatat kollha kemm hi lil Alla u aħna kull wieħed u waħda minna permezz tal-magħmudija u aħna fis-saċerdozju fil-ħajja tagħna reliġjuża, jiena wkoll patri reliġjuż barra li jiena Isqof, aħna ikkonsagrati lil Alla, aħna jiġifieri nappartjenu lil Alla, proprjeta ta' Alla.

Kemm hija sabiħa din id-dinjita li aħna rċivejna bil-magħmudija, li aħna sirna ulied adottivi t'Alla l-Missier permezz ta' Ibnu s-Sinjur tagħna Ġesù Kristu. U għalhekk permezz tal-Madonna taħt it-titolu tal-Konsagrazzjoni kif hija ingħatat kollha kemm hija għal Alla l-imbierek, itfakkarna wkoll b'dan it-titolu li aħna ma nerġgħux lura mill-konsagrazzjoni tagħna lil Alla l-imbierek.

Issa d-devozzjoni tagħna li aħna nuru lill-Madonna - meta ngħidu devozzjoni, jiġifieri li aħna nqimuha, nivvenerawha. Lill-Madonna aħna nivvenerawha, lill-qaddisin nivvenerawhom, lil Alla biss aħna naduraw. Meta aħna ngħidu li għandna devozzjoni lejn il-Madonna, għandna devozzjoni lejn it-tali u tali qaddis, dana jfisser mhux biss billi aħna ngħidu talb, hija ħaġa tajba, hija neċessarja, ħaġa ta' siwi li t-talb konness mal-Madonna u mal-qaddisin l-oħra, imma fuq kollox u qabel kollox aħna nimpenjaw lilna nfusna biex nimitaw lill-Madonna, biex nimitaw lil dak il-qaddis jew dik il-qaddisa li aħna nħossuna li għandna devozzjoni speċjali lejhom.

### Kif u fejn nistgħu nimitaw lill-Madonna?

U jekk inqalbu l-paġni tal-vanġelu naraw kif jew fejn lill-Madonna nistgħu aħna nimitawha – fil-fidi tagħha. Meta hija ġiet magħżula biex tkun Omm Alla ma

kinitx tifhem dak illi Alla ried minnha permezz ta' l-Anġlu Gabrijel imma fl-aħħar hija qalet, "ikun minni, fija, skond kelmtek. Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej." U fil-manifikat, f'dak il-kantiku ta' tifħir lill-Mulej, hija qalet, "Jiena nfaħħar lil Alla għaliex huwa ħares lejn iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel jibda' jsejjaħli ħienja."

Il-fidi tal-Madonna, l-umiltà tal-Madonna, il-qadi tal-Madonna, is-silenzju tal-Madonna - dawn huma, ħuti fi Kristu, virtujiet li għexet il-Madonna u fuq l-eżempju tagħha l-qaddisin kollha. U jiena llejla wkoll hawnhekk, nibda minni nnifsi, nimpenja lili nnifsi u nitlobkom anka timpenjaw lilkom infuskom biex b'xi mod jew ieħor lill-Madonna nimitawha f'dawn il-virtujiet li aħna nafu fuqha biex aħna nkompli nagħtu s-sehem tagħna, il-parti tagħna, kif hija talbitna biex aħna nkunu nistgħu nxerdu dejjem l-imħabba... ħalli verament noħolqu familja maqgħuda ta' bnedmin biex tonqos il-vjolenza, tonqos il-mibgħeda, jonqos dak li qed naraw kullimkien - il-firda bejn l-umanita, biex aħna permezz ta' dak li rċivejna mingħand Alla, permezz ta' Ibnu s-Sinjur Tagħna Ġesù Kristu, permezz tal-Madonna u permezz tal-qaddisin inkomplu wkoll inxerduh dana l-messaġġ ta' ferħ, il-messaġġ ta' mħabba, il-messaġġ ta' maħfra, il-messaġġ ta' solidarjetà biex aħna wkoll inkunu nistgħu ngħidu li b'xi mod jew ieħor aħna tajna ukoll is-sehem tagħna biex intejbu b'xi mod jew ieħor l-ambjent li aħna ngħixu fih, mhux l-ambjent biss naturali imma l-ambjent aħna bħala bnedmin għaliex dak huwa l-akbar ambjent li aħna nistgħu intejbu, li ntejbu l-persuni li aħna niffurmaw parti minnhom fil-komunitajiet tagħna, fil-gżejjer tagħna u mad-dinja kollha.
Ikun imfaħħar Ġesù Kristu."

Wara dan il-messaġġ intqalu t-talba ta' San Ġużepp u San Mikiel u it-talba ta' Ġesù jbati. Wara l-barka mill-Isqof Micallef il-laqgħa spiċċat bl-innu "Fil-ħlewwa ta' Mejju".

Kienet laqgħa sabiħa li żgur ħalliet ħafna frott spiritwali, laqgħa denja għal Ommna Marija Santissima.

**Sylvana Spiteri LL.D**

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu sopran-naturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



## GRAZZJI MAQLUGĦA

**S. Spiteri** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti qalgħet grazzja speċjali fuq in-neputija tagħha.

**C. Pisani minn tas-Sliema** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, Ġuża Mifsud u San Ġużepp qalgħet grazzja kbira meta l-operazzjoni li għamlet f'għajnejha kienet suċċess.

**F. Agius minn Birżebbugia** tirringrazzja lil Alla li bl-interċessjoni tal-Madonna qalgħet grazzja rigward it-tifel tagħha.

**C. Vella minn Għawdex** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, Ġuża Mifsud u Frenċ ta' l-Għarb rigward in-neputija tagħha.

**John Parnis u l-familja minn Birżebbugia** jirringrazzjaw lil Alla għall-grazzja li qalgħu bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti. John jgħid li ibnu kellu xi problemi f'saqajh u wara xi testijiet irriżulta li ma' l-urina kien qed jagħmel id-demm. L-isptar qalulu li l-problema x'aktarx ġejja mill-kliewi, li jew twieled bi kliewi żgħar jew inkella kellu l-kliewi qegħdin jiċkienu. Meta rah il-Professur qallu li ma għandu xejn gravi, il-kliewi kienu normali u d-demm waqaf waħdu.

### TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volontà mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.
*Glorja lill-Missier...*



## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 4 u 18 ta' Lulju 2010 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Awissu 2010 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 5 ta' Settembru 2010 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 19 ta' Settembru 2010 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 3 u 17 ta' Ottubru 2010 fil-5.00p.m.

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej:
**www.ourladyofconsecration.org**

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI
No. 83 LULJU 2010 JITQASSAM BLA ĦLAS



*l-Isqof Micallef waqt il-laqgħa ta' Mejju 2010 fl-okkażżjoni ta' l-erbgħa u għoxrin anniversarju mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti*